# L-ILMA TAL-FARAĠ

## ( TIFKIRA TA' L-IMGĦODDI )

Kienet ħaqritni dak-in-nhar id-dinja
u jiena bkejt.
Il-qawwa tar-rġulija
li bosta drabi tagħraf
tliġġem lill-qalb u d-dmugħ li jbaqbaq ġewwa,
ma swietli xejn:
stħajjiltni tifel ċkejken
fl-idejn ta' ġorf li għandu qalb taż-żonqor.
Jiena ma ridtx mogħdrija,
ridt ħaqq u sewwa: iżda minn fejn?... Id-dinja
kienet qalila dak-in-nhar, u l-Għira
ma' oħtha, l-Ħiena,
kienet tgħasses maġenbi
li stajt xi drabi nħoss fuq wiċċi jaħraq
in-nar ta' nfiesha...
u jiena bkejt.

*

Kont waħdi ġe' kamarti. B'rasu mkeb'ba
taħt il-ġewnaħ xellugi
kien rieqed mingħajr ħtija u mingħajr dnewwa
il-kanarin li kont rabbejt b'imħabba,
biex hu tan-niket tiegħi
ikun ix-xhud waħdieni.
Fil-beraħ kollox kien sikta madwari:
minn sema safi
il-qamar mimli kien isawwab xmajjar
ta' bjuda fuq ir-raba'
u fuq id-djar kennija;
lil hinn mill-qamar,
għalkemm xi ftit mirbuħa minnu, kienet
tħabbat il-qalb tal-kwiekeb...
Xi skiet! u xi sliema!
Kemm hi sabiħa d-dinja,
meta torqod il-Għira u tmut il-Ħiena!

*



Ħsiebi ttajjar:
quddiem l-għajnejn ta' ruħi
dehret xbieha ta' mara—oh kif serqitni!—
fil-kotra tal-ġmiel tagħha.
Kellha fuq wiċċha l-ħlewwa tax-xbubija
safja, rżina, mostura;
iżda f'għajnejha
li kienu ġarrbu n-nar ta' dmugħ bla biki,
(kien jidher ċar)
kien hemm id-dawl tat-tjieba,
u l-imħabba ta' l-omm....
"Mamma tiegħi! Marija!."
għajjatt—u demgħa ħelwa
niżlet titgerbeb ma' ħaddejja—"agħtini
qawwa li naħfer,
sabar taħt salibi!"

*

Tħarrket fewġa, u fil-ġnien li jħaddar taħti
beda tħaxwix ta' weraq
donnu tferfir ta' ġwienaħ.
Minn ġo t-tieqa miftuħa
daħlet iż-żiffa u jien ħassejtha friska
tilgħab fuq wiċċi
u rqiqa rqiqa
tidħol ġe' xagħri.
Kienu ġwienaħ tassew? Mill-knisja ċkejkna
wasal imewweġ leħen ta' qanpiena
ħelu bħal kelma
ta' min ħabbejna minn twelidna, u jiena
ħassejt għaddejja fuqi
bħal id ratba ta' omm,
bħala żgħila ta' wegħda,
u f'qalbi niżel
bħallikieku minn għajn li qatt ma ddardret
l-ilma tal-faraġ.

**Dun Karm.**